**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. (Matr.) Can.**

**Rikors Numru 117/16**

**J. Zammit Limited (C37945)**

**vs**

**Daniela Grixti (I.D. 167283M) u Jeffrey Cassar li gie kjamat in kawza b'digriet tas-26 ta' Ottubru 2016**

**Illum 21 ta' Gunju 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' J. Zammit Limited fit-23 ta' Mejju, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta:

1. Thallasha s-somma ta' sitt elef, erba' mija u tnejn u erbghin Ewro (€6,442) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz dovut lis-socjeta' rikorrenti u dan rigward il-*hire purchase* tal-vettura tal-ghamla Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni JBU081, skont kif jirrizulta minn dokumenti 'A' u 'B' annessi, prevja dikjarazzjoni li l-vettura msemmija hi proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali intavolata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta datat 21 ta' Ottubru 2015, tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid intavolati mis-socjeta' rikorrenti kontra l-intimata, u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-morozita' fil-hlas skont il-ftehim ta' hire-purchase sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimata li qeghda tigi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ai fini ta' kompetenza gie dikjarat li l-ammont globali mitlub ma jeccedix il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta ta' Daniela Grixti (ID 432889M)ipprezentata fl-10 ta' Gunju, 2016 fejn esponiet:

"1. Illi in linea preliminari l-esponenti ma hijiex il-legittimu kontradittur u dan ghar-ragunijiet ben maghrufa ghas-socjeta' rikorrenti illi avolja l-vettura inkwistjoni giet ufficjalment mibjugha lilha u hija registrata fuqha, hija tappartjeni lil certu Jeffrey Cassar u kien proprju hu li minn dejjem ghamel uzu minnha;

2. Illi di fatti, u kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza, is-socjeta' rikorrenti kienet gja accetat diversi pagamenti mill-imsemmi Jeffrey Cassar ghall-istess vettura u sahansitra baghtet ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 kontrih (kopja hawn annessa);

3. Illi fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' rikorrenti diga' ghandha titolu ezekuttiv fil-konfront tal-imsemmi Jeffrey Cassar stante li dan ma rrispondiex ghall-ittra ufficjali fuq imsemmija fit-terminu statutorju;

4. Illi ghajr ghall-iffirmar tal-kuntratt anness mal-Avviz, ir-rikorrenti qatt ma ezercitat jeddijiet possessorji u/jew rejali fuq l-istess vettura;

5. Illi ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-esponenti tqis illi ghandu jigi kjamat fil-kawza l-imsemmi Jeffrey Cassar, mhux biss fil-dawl tal-eccezzjonijiet fuq sollevati, izda anke ghall-integrita' tal-gudizzju;

6. Illi f'kull kaz, u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-esponenti tiddikjara illi hija ma ghandha l-ebda interess f'din il-vettura u, stante li jirrizulta illi din hija maqbuda fuq talba tas-socjeta' rikorrenti, l-istess socjeta' rikorrenti ghandha tiddikjara x'interess ghandha f'din l-azzjoni.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti."

Rat illi fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016, l-konvenuta Damiela Grixti keient talbet li jkun hemm il-kjamata in kawza ta' Jeffrey Cassar stante li l-vettura in kwistjoni kienet dejjem fil-pussess tieghu. Rat li s-socjeta' attrici ma kellhiex oggezzjoni ghal

tali talba u l-Qorti bid-digriet taghha ta' l-istess jum kienet laqghet it-talba u ordnat li jkun hemm il-kjamata in kawza ta' Jeffrey Cassar.

Jirrizulta li Jeffrey Cassar kien gie notifikat bl-atti waqt li kien detenut fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u dan nhar it-12 ta' Novembru 2016 kif jirrizulta mit-timbru maghmul mill-Marixxal Reno Spiteri nhar il-15 ta' Novembru 2016 (fol. 19 tergo tal process). Jirrizulta ukoll li pero' dan baqa' kontumaci u ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talba attrici.

**James Zammit** xehed fit-18 ta' Jannar 2017 u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' attrici. Ikkonferma illi fil-11 ta' Awwissu 2014 huwa kien ghamel ftehim flimkien ma' Daniela Grixti dwar bejgh ta' vettura tal-ghamla Renault Megane Dynamique Coupe numru ta' registrazzjoni JBU 081 u dana ghall-prezz ta' sebat elef u disa' mitt ewro (€7,900). Skont il-ftehim esebit f'dawn l-atti a fol. 4 et sequitur, il-konvenuta kellha thallas dan l-ammont f'pagamenti mensili. Il-ftehim in kwistjoni huwa ffirmat kemm minnu ghan-nom tas-socjeta' J. Zammit Limited kif ukoll minn Daniela Grixti. Spjega illi minn mindu gie ntavolat ir-rikors promotur u cioe' fit-23 ta' Mejju 2016 il-konvenuta m'ghamlet l-ebda pagament u hekk l-ammont ta' sitt elef erba' mija u tnejn u erbghin ewro (€6,442) ghadhom dovuti. Pero' spjega illi l-karozza kellha tithallas b'pagamenti mensili u konsekuttivi ta' sittin pagament u kull ma thallsu kienu zewg pagamenti. Esebixxa *statement* ghal dan il-ghan li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument CSH. Il-vettura in kwistjoni tinsab maqbuda permezz ta' mandat ta' qbid.

Illi nhar it-22 ta' Frar 2017, rega' xehed **James Zammit** u kkonferma li huwa ma jkunx fix-*showroom* u ghalhekk ma jistax jghid min kien mar jara il-vettura in kwistjoni qabel ma sar in-negozju. Jghid li seta' kien il-kaz li kienet marret Daniela Grixti stess stante li kienet hi li iffirmat il-kuntratt relattiv ghall-bejgh tal-vettura. Jista' jkun li kien hemm Jeffrey Cassar pero' dwar dan mhux cert. Jirrizulta pero' mill-file tieghu illi Jeffrey Cassar kien *guarantor* ta' Daniela Grixti f'kaz li hija ma thallasx dak dovut minnha. Huwa esebixxa il-ftehim fejn Jeffery Cassar kien dahal bhala garanti ta' Daniela Grixti u dan id-dokument gie markat bhala Dok JZ. Kien ghalhekk a bazi ta' dan id-dokument li huma imxew ukoll kontra Jeffrey Cassar ghall-hlas relattiv. Jghid li ma jafx ghal min kienet in effetti il-vettura. Ikkonferma li illum il-gurnata il-vettura tinsab maqbuda ghand kunsinnatarju u skont l-ahhar notamenti maghmula minnu fil-*file* relattiv kien hemm xi rapprezentant tieghu li pprova jinnegozja din il-pendenza ma' Daniela Grixti. Stqarr li fil-kundizzjoni li qieghda fiha

illum din il-vettura ghandha valur ta' circa tlett elef Ewro (€3,000). Ikkonferma ukoll li hemm numru ta' citazzjonijiet mahruga minn Transport Malta fuq din il-vettura. Min kien qed isuq din il-vettura u qala' dawn ic-citazzjonijiet ma jafx. Stqarr li l-vettura inbieghet skond l-ammont imsemmi fil-kuntratt esebit li kien xi sebat elef Ewro (€7,000) u jikkonferma li l-bejgh kien sar fil-11 ta' Awwissu 2014. Qal li jaf li hemm din id-*depreciation* ta' erbat elef euro (€4,000) minhabba il-kundizzjoni li tinsab fiha illum. Qal li l-vettura ghandha diversi daqqiet.

Illi nhar il-31 ta Mejju 2017 **James Zammit** reggha xehed in kontro-ezami u kkonferma li l-prezz originali tal-vettura in kwistjoni kien ta' sebat elef u disa' mitt Ewro (€7900) skont kif jidher mill-kuntratt esebit a fol. 4 tal-atti. Dakinhar tal-kuntratt kien sar depozitu ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2500) u ghalhekk baqa' il-bilanc ta' hamest elef u erba' mitt Ewro (€5400). Mistoqsi min kien hallas dak id-depozitu wiegeb li ma jafx, pero' sostna li ghalihom il-kuntratt huwa ricevuta fih innifsu. Zied li lanqas ma jista' jivverifika min kien ghamel dak il-pagament u inoltre peress li l-ammont huwa inqas minn hamest elef Ewro, mhux obbligat jinvestiga ulterjorment. Lanqas min ghamel il-pagamenti indikati fl-istatement a fol. 23 immarkat bhala Dok. CSH ma jaf, izda jaf li gew akkreditati fil-kont ta' Daniela Grixti. Jaf zgur li l-pagamenti saru bi flus kontanti.

Spjega li l-prassi hi li x-xerrej jaghmel test drive tal-karozza, izda ma jzommux rekord ta' min ikun ghamel dan it-test drive, u inoltre hafna drabi dan lanqas isir mill-klijent izda mill-mekkanik li jiehu mieghu. Stqarr li Jeffrey Cassar kien mar ghandhom biex isir transfer tal-vettura ghal fuqu, izda hu ma kienx accetta u dan ghal zewg ragunijiet. L-ewwelnett spjega li huma ma ridux ibieghu il-karozza lil Jeffrey Cassar peress li kellu l-Credit Management tieghu diga' mcappas u kieku qablu Daniela Grixti kellha tkun prezenti biex isir it-transfer. Zied jghid li hu ma jafx x'inhu l-passat ta' Jeffrey Cassar u spjega li l-Credit Management ittik biss il-kredituri u mhux il-kondotta. Qal li huma ghandhom il-kambjali tal-bilanc dovut li huma kollha ffirmati minn Daniela Grixti.

Rat l-affidavit ta' **Daniela Grixti** pprezentat waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 fejn il-konvenuta ddikjarat illi fil-bidu tas-sena 2014 hija kienet bdiet tohrog u dahlet f'relazzjoni ma' Jeffrey Cassar. Jeffrey kien jghidilha li ried jixtri karozza u taf li kien beda jdur xi *auto-dealers* biex jipprova jsib karozza li kienet tghogbu. Wara li hu kien diga' ra karozza tad-ditta Renault (JBU-081) li kienet *second hand* u beda jinnegozja biex jixtriha minghand Ray Auto Dealers, Jeffrey kien mar ikellimha u jghidilha li

ghandu bzonn din il-karozza biex jinqeda u li ma kinux sa jaghmluha fuq ismu u ghalhekk kellu bzonn li hija tidhol f'dan il-kuntratt mieghu. Hija f'dan iz-zmien kienet tghix ma' Jeffrey go appartament li kien jikri hu, u ghalhekk kienet accettat li tghinu jgib din il-karozza.

Hija marret ma' Jeffrey ghand Ray Auto Dealer biex tiffirma l-kuntratt fil-11 ta' Awwissu, 2014. Din kienet l-unika darba li kienet marret ghand Ray Auto Dealer mentri Jeffrey kien diga' mar kemm-il darba jara l-karozza u jinnegozja l-prezz. Qabel ma ffirmat il-kuntratt hija daritu biss ta' fuq fuq ghax Jeffrey kien innegozja kollox u din il-karozza kienet sa tkun ghalih ghalhekk fdat fih u kienet qieghda taghmel dak li kien qalilha. Kien Jeffrey li ftiehem kif u kemm kellu jsir il-hlas. Hija ma kinitx taf ezatt kemm kellu jigi mhallas u meta. Hija qatt ma ghamlet xi *test drive* jew spezzjonat il-karozza.

Ray Auto Dealer riedu wkoll xi *down payment* mal-kuntratt imma hija ma kienetx harget flus. Dawn Jeffrey kien hallashom u tiftakar li kienu madwar elfejn u hames mitt ewro (€2,500). Ghalkemm hemm isimha fuq il-kuntratt, il-karozza kienet ser tigi wzata minn Jeffrey u dan kulhadd kien jafu, anke r-rapprezentanti ta' Ray Auto Dealer li bieghu l-karozza. Bhala hlas lil Ray Auto Dealer ghalkemm kien hemm isimha fuq xi rcevuti hija qatt ma kienet hallset xejn. Kien dejjem Jeffrey li mar ihallas bi flusu.

Mill-ewwel gurnata li baghtu ghalihom ghall-karozza kien Jeffrey li beda jsuqha, mhux hi. Safejn tiftakar fis-sena 2014 Jeffrey kien dahal il-habs minhabba li kien seraq xi haga. Hija kienet qalet lil Jeffrey li riedet li r-relazzjoni taghhom tintemm u kienet telqitu. Tiftakar li Jeffrey kien issuppervja hafna maghha u gew ukoll biex jitkellmu fuq il-karozza. Wara li dahal il-habs Jeffrey saret taf ukoll li kellu hafna citazzjonijiiet mhux imhallsin fuq il-karozza. Dawn kienu wkoll minhabba s-sewqan ta' Jeffrey, mhux taghha. Kien ukoll darba habat bil-karozza u ghamlilha l-hsara.

Jeffrey kien ghamilhielha cara li l-karozza kienet tieghu u li hi ma kellhiex dritt fuqha, sa anke kien heddidha li jekk tehodha jew thallas ghaliha kien jahraqhielha ghax dik kienet tieghu. Suppost kellha tigi nanntu ghaliha imma din qatt ma marret.

Meta hareg mill-habs Jeffrey kien qalilha li mar ghand Ray Auto Dealer biex idawwar il-karozza fuq ismu u johodha imma ghal xi raguni jew ohra r-rapprezentanti ta' Ray Auto Dealer ma accettawx. Safejn taf hi Jeffrey issa rega' qieghed il-habs fuq xi reat iehor.

F'Ottubru tas-sena 2015 tiftakar li kienet irceviet ittra ufficcjali fejn Ray Auto Dealers kien qed isaqsi biex hija flimkien u solidament ma' Jeffrey thallas is-somma ta' sitt

elef erba' mija u tnejn u erbghin ewro ( €6,442). Hija kienet marret ghand l-Avukat taghha u kien wiegeb ghall-ittra li kienet irceviet . Ghalhekk hija ma tifhimx ghala issa dawn il-proceduri bdew kontriha biex hija thallas is-somma kollha.

Hija din il-vettura qatt ma kellha ebda interess fiha u kienet dejjem oggett ta' Jeffrey li ried hu, u wzaha hu stess. Ray Auto Dealers dan kienu jafuh bic-car anke meta gie ffirmat il-kuntratt ghalhekk l-ittra ufficcjali baghtuha lilha wkoll. Hija ma temminx li ghandha thallas ghall-karozza la l-karozza qatt ma kellha xewqa ghaliha u kien Jeffrey li kien iridha, juzaha u li kien ghamlilha anke hsara meta habat biha.

Illi nhar il-31 ta Mejju 2017 **Daniela Grixti** regghet xehdet in kontro-ezami. Hija giet murija d-dokument esebit a fol. 4 tal-atti u kkonfermat li fiz-zmien li ffirmat il-kuntratt hija kellha hbiberija ma' Jeffrey Cassar u ziedet li dakinhar stess Jeffrey Cassar kien ha pussess tal-karozza in kwistjoni u ghalhekk il-karozza giet effettivament rilaxxjata lil Jeffrey, peress li hi kienet iffirmat dan il-ftehim. Ikkonfermat li l-firma fuq id-dokument hija taghha.

Illi nhar il-15 ta' Marzu 2017 xehed **PS 914 Ivan Mifsud** u esebixxxa l-okkorrenza li ghandha x'taqsam ma' incident tat traffiku li sehh nhar l-14 ta' Awwissu 2014 ghall-habta tat- 7.40p.m liema rapport kien sar minn certu Salvu Azzopardi dwar incident *'hit and run'* fuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni DBB 689 gewwa Triq San Geraldu, San Pawl il- Bahar. Effettivament jghid ili huwa kien irrapporta illi d-danni li huwa sofra kienu gew kagunati mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBU 081 u din waqt li kienet misjuqa minn Jeffrey Cassar. Din l-okkorenza giet immarkata bhala Dok PS. Qal li dak iz-zmien Jeffrey Cassar kellu *partner,* certu Daniela Grixti u qal li kien kellmu anke peress li kien jiffirma il-*bail book* gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Mosta u meta baghat ghalih dan kien stqarr mieghu li kien jaf li laqat il-vettura in kwistjoni. Kien qallu li kien qaghad jistenna ghal xi hin u kien infurmah li kellu jghamel '*claim*' u ghalhekk kien cempel lill-kwerelant u kien infurmah b'dan kollu .

Rat in-nota tal-konvenuta Daniela Grixti esebita fl-atti waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2017 li permezz taghha pprezentat tlett dokumenti, DOk DG1 li hija kopja legali ta' Ittra Ufficcjali 166A Numru 1935/15 datata 21 ta' ottubru 2015 fl-ismijiet 'J. Zammit Limited vs Daniela Grixti u **Jeffrey Casar**', Dok DG2 li hija kopja legali ta' Mandat ta' Qbid Numru 2337/15 akkordat nhar it-22 ta' Ottubru 2015 fl-ismijiet 'J. Zammit Limited vs Daniela Grixti u **Jeffrey Cassar**' u liema mandat ta' Qbid huwa fuq il-vettura Renault Megane bin-numru ta' registrazzjoni JBU- 081 u Dok. DG3 li hija

kopja legali tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 2335/15 akkordat fit-22 ta' Ottubru 2015 fl-ismijiet 'J. Zammit Limited vs Daniela Grixti u **Jeffrey Cassar'.**

Semghet lill-avukati tal-partijiet jawtorizzaw lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat.**

Illi in breve il-fatti tal-kaz in desamina jistghu jigu kompilati b'dan il-mod:-

Illi Daniela Grixti kellha relazzjoni ma' Jeffrey Cassar u dan ghal xi zmien qabel ma spicca il-habs. Skond Daniela Grixti, u dan ma jidher li huwa kontestat minn hadd, Jeffrey Cassar xtaq jixtri karozza u kien mar idur u fl-ahhar kien interessat fil-vettura tal-ghamla Renault Megane Dynamique minghand Ray Auto Dealer. Tghid, u dan hu konfermat minn James Zammit li l-vettura ma setghetx tigi registrata f'isem Jeffrey Cassar ghaliex skond il-Credit Info huwa kellu diversi debiti u ghalhekk is-socjeta' attrici ma riditx taghmel negozju mieghu. Kien ghalhekk li l-konvenuta dahlet u iffirmat il-kuntratt esebit fl-atti datat 11 ta' Awwissu 2014 a fol. 4 *et seq*. Jirrizulta minn ezami ta' dan il-kuntratt, li effettivament Daniela Grixti xtrat din l-istess vettura li kien innegozja Jeffrey Cassar ghall-prezz ta' sebat elef u disa' mitt Ewro (€7900). Jirrizulta li skond dan il-ftehim hija kienet intrabtet li taghmel sittin pagament mensili sabiex thallas il-bilanc li kien ghad fadal fuqha, stante li mal-iffirmar tal-kuntratt Jeffrey kien hallas biss is-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500). Skond ix-xhieda ta' James Zammit jirrizulta li in effetti kienu saru biss zewg pagamenti, dawk indikati a fol. 23 fid- dokument markat bhala Dok CSH.

Jinghad ukoll li minn ezami tad-dokumenti esebiti jirrizulta is-segwenti:-

1. Il-vettura in kwistjoni hija tal-ghamla Renault Megane Dynamique numru ta' registrazzjoni JBU- 081 u din hija registrata mat-Transport Malta f'isem Daniela Grixti (vide fol. 3).

2. Illi in-negozju jew ahjar il-kuntratt ta' bejgh ghal din l-istess vettura sar bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta Daniela Grixti u li ghan-nom tas-socjeta' attrici

hemm bhala firmatarju James Zammit u bhala kompratrici hemm il-konvenuta Daniela Grixti.

3. Illi Jeffrey Cassar kien iffirma dokument fejn dahal garanti ghad-debitu ta' l-sitess konvenuta ( Dok JZ fol. 43) iomsemmi fil-ftehim redatt bejn is-socjeta attrici u l-konvenuta stess.

4. Illi wara li sar il-bejgh u d-depositu inizjali ta' elfejn u hames mitt Ewro (€2,500), saru biss zewg pagamenti kif idnikati fid-dokument CSH a fol. 23 fl-ammont ta' €127 nhar is-16 ta' Awwissu 2014 u pagament iehor fl-ammont ta' €125 fit-3 ta' Novembru 2014.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Illi in linea preliminari l-konvenuta eccepiet li mhiex il-legittima kontradittur u dan ghaliex minkejja li l-vettura in vendita' hija registrata fuqha, fil-fatt tappartjeni lil Jeffrey Cassar u kien hu li dejjem ghamel uzu minnha.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001 mill- Qorti ta' l-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

"*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll*

*inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*"

Interessanti wkoll dak li sostniet il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti** fejn inghad:

"*b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partiiiet in virtu` ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha.*"

Il-Qorti kellha l-okkazjoni li tistudja dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd. Vs Michael Debono nomine et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005. Fost affarijiet ohra hi kkwotat minn diversi sentenzi l-principji applikabbli fuq is-suggett tal-legittimu kontradittur:

"...il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** deciza fis-27 ta' April 1992 (Vol LXXVI.iv.673) u fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima** deciza fit-30 ta' April 1992[1]:

"*Illi hija haga minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor;*

*Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni;*

*Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong mandato no. 50) citata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203.*

*Inoltre, ghandu jigi rrilevat li l-ligi tezigi (Art. 993 Kap. 16) li kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede.*"

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Legend Real Estate Ltd v. Ron Chetcuti**, il-Qorti ta' l-Appell[2] gie ritenut ukoll li,

[1] Vol. LXXVI iv 677.

"*Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata.*

*Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konnoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta (John Vella noe v. Anthony Vella et, Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Dicembru 1999*)."

U aktar tard ziedet li:

*"Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero` wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju (**Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice**, Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999)."*

Naturalment kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-fattispeci partikolari tieghu biex wiehed jara jekk il-principji fuq esposti gewx applikati o meno. Ir-rikorrenti kkwotat l-imsemmija sentenza ta' **Camel Brand Co. Ltd. vs Michael Debono** biex tipprova li fil-fatt il-konvenuta kienet il-legittimu kontradittur u dan in vista tal-fatt li is-socjeta' rikorrenti qed tibbaza it-talba taghha fuq kuntratt iffirmat proprjament mill-konvenuta stess.

**Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.**

Dwar it-tieni eccezzjoni u cioe li s-socjeta' attrici accettat diversi pagamenti minghand Jeffrey Cassar jinghad li s-socjeta' attrici ma tantx jimpurtaha min effettivament jaghmel il-pagamenti dovuti fuq bejgh ta' vettura purche' dawn ikunu qed isiru skond il-linji gwida tal-ligijiet finanzjajri u in oltre li ikunu qed isiru akkont ta' xi kreditu taghha. F'dan il-kaz apparti li mhux minnu li Jeffrey Cassar ghamel diversi pagamenti ghaliex in realta' saru biss zewg pagamenti u kienet il-konvenuta biss li qalet li dawn saru minnu. M'hemmx dubbju li dawn id-dokumenti gew akkreditati lejn il-kont tal-konvenuta u allura semmai dan Jeffrey Cassar jista' talvolta ikollu dritt ta' rimbors minghand il-konvenuta.

---

[2] 20 ta' Ottubru 2003

Illi mhux ikkontestat li fil-fatt is-socjeta' attrici ghandha titolu esekuttiv fil-konfront ta' Jeffrey Cassar, pero' dan ma jwaqqafx lis-socjeta' attrici milli tmexxi kontra d-debitur taghha cioe' l-konvenuta a bazi tal-ftehim minnha iffirmat u ghalhekk dak li qed taghmel is-socjeta' attrici hu li tittenta ikollha ukoll titolu esekuttiv kontra l-konvenuta bil-ghan li tithallas tal-kreditu taghha.

Illi jinghad fir-raba' eccezzjoni li ghajr ghall-iffirmar tal-kuntratt il-konvenuta qatt ma ezercitat drittijiet possessorji u/jew reali fuq il-vettura in vendita', u dan ghaliex kienet dejjem f'idejn dan Jeffrey Cassar. Illi bir-rispett kollu, dan l-argument ma jregix u dan ghaliex meta persuna takkwista karozza u tirregistra din l-vettura mat-Transport Malta, jfisser li l-vettura hija proprjeta' taghha u ghalhekk tgawdi minn drittijiet aktar b'sahhithom u cioe' dawk proprjetarji.

Dwar il-hames eccezzjoni u cioe' li Jeffrey Cassar ghandu jigi kkjamat in kawza, il-Qorti laqghet it-talba kif fuq imsemmi u dan jinsab kontumaci.

Dwar is-sitt eccezzjoni l-konvenuta tghid li m'ghandha l-ebda interss fuq il-vettura. M'hemmx dubbju pero' li s-socjeta' attrici ghandha interess li tigbor il-flejjes dovuti lilha u kien proprju ghalhekk li pprezentat din il-kawza sabiex tigbor dak dovut lilha. Jirrizulta b'mod sodisfacenti ghal din il-Qorti li l-konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici. Imkien fl-eccezzjonijiet taghha ma hemm kontestazzjoni dwar dak mitlub mis-socjeta' attrici fir-rigward tal-*quantum*. Illi ghalhekk l-ammont li qed jigi mitlub mhux kontestat. **M'hemmx dubbju li ghalhekk il-konvenuta trid thallas l-ammont bilancjali li ghad fadal skond il-ftehim iffirmat minnha nhar il-11 ta' Awissu 2014.**

Dwar jekk il-kjamat in kawza hux responsabbli *in solidum* mal-konvenuta ghall-kreditu tas-socjeta' attrici, l-Qorti taghmel referenza ghad-dokument iffirmat minnu mmarkat bhala Dok. JZ u jirrizulta li huwa iffirma dan il-kuntratt fil-vesti tieghu ta' garanti ghad-debitu assunt mill-konvenuta skond il-ftehim iffirmat minnha datat 11 ta' Awissu 2014.

L-**artikolu 1094 tal-Kodici Civili** jipprovdi li:-

"*L-obbligazzjoni hija in solidum ghad-debituri meta huma kollha obbligati ghall-istess haga, b'mod li kull wiehed minnhom jista' jigi mgieghel ghall-hlas tad-dejn kollu, u hlas maghmul minn wiehed minnhom jehles lill-ohrajn lejn il-kreditur*".

Illi l-effett tal-istess obligazzjoni solidali skond l-**artikolu 1096** tal-Kap. 16 huwa li:-

"*Il-kreditur jista' jdur kontra kull min irid mid-debituri in solidum, b'ghazla tieghu, minghajr ma d-debitur ikun jista' jopponi l-beneficcju tal-qsim tal-obbligazzjoni*".

Illi tal-istess portata huma id-disposizzjonijiet tal-istess Kodici Civili **"Fuq il-Garanzija"**, tant li l-**artikolu 1935** tal-istess Kap. 16 jipprovdi li:-

*"Il-beneficcju ta' l-eskussjoni ma jghoddx-*

*(b) jekk il-garanti jkun obbliga ruhu in solidum mad-debitur".*

Illi l-istess jinghad fl-**artikolu 1937** tal-Kap. 16 fejn hemm car stipulat li:-

(1) "*Meta tnejn min-nies jew izjed jidhlu bhala garanti ta' l-istess debitur u ghall-istess dejn, kull wiehed minnhom ikun obbligat ghad-dejn kollu".*

*(2) "Izda, kull wiehed minnhom jista', kemm-il darba ma jkunx irrinunzja ghall-beneficcju tal-qsim tad-dejn, jew ma jkunx obbliga ruhu in solidum mad-debitur, jitlob li l-kreditur jaqsam l-azzjoni tieghu u jnaqqasha ghas-sehem ta' kull wiehed mill-garanti.*"

Illi ovvjament l-istess garanti li jhallas id-dejn ghandu dritt ta' regress kontra l-garanti solidali l-ohra ghal sehemhom skond l-artikolu 1949 u anke kontra d-debitur principali skond l-artikolu 1942, pero' dan jista jkun mertu ta' azzjoni ohra u mhux dik presenti peress li f'din il-kawza s-socjeta' attrici skond il-ligi qed titlob biss li tithallas il-kreditu taghha mill-konvenuta bhal firmatrarja tal-kuntratt ta' akkwist u kontra l-kjamat in kawza bhala garanti solidali taghha abbazi tal-obbligazzjoni specifika minnu assunta bil-ftehim precitat, u cioe' id-Dok. JZ, mentri d-dritt ta' regress tal-konvenuta meta u jekk ha thallas id-dejn jittratta dwar ir-relazzjoni interna bejnha bhala d-debitur principali u l-istess garanti solidali, li l-konvenuta taf ukoll li ma humiex il-mertu ta' din il-kawza.

**Illi ghalhekk a bazi ta' dan li ghadu kif intqal, il-kjamat in kawza huwa ukoll *in solidum* responsabbli ghall-hlas mitlub mis-socjeta' attrici.**

***Illum,21 ta' Gunju, 2017.*** ***Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D***

**Ghalhekk din il-Qorti qieghda tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta u tilqa' it-talba attrici b'dan illi qieghda tikkundanna lill-konventua Daniela Grixti u lill-kjamat in kawza Jeffrey Cassar sabiex *in solidum* ihallsu lis-socjeta' attrici dik is-somma mitluba minnha fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' sitt elef, erba' mija u tnejn u erbghin Ewro (€6,442).**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali intavolata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta datat 21 ta' Ottubru 2015, tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' qbid intavolati mis-socjeta' rikorrenti kontra l-intimata, u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-morozita' fil-hlas skont il-ftehim ta' *hire-purchase* sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta u l-kjamat in kawza *in solidum*.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**

**Deputat Registratur**